2024/3187

16.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/…

tas-16 ta' Diċembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li tkompli tillimita l-kapaċità tar-Russja li twettaq gwerra, inkluż permezz ta' aktar sanzjonijiet u miżuri biex tiġi miġġielda ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' pajjiżi terzi.

(4) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(5) Huwa xieraq li jiżdiedu 32 entità mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Dik il-lista tinkludi ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja permezz taċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, inkluż fuq Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord jew missili.

(6) Sabiex tkompli tillimita l-attività tal-bastimenti operati biex jikkontribwixxu jew jappoġġaw azzjonijiet jew politiki li jappoġġaw l-azzjonijiet tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa xieraq ukoll li jiżdiedu aktar bastimenti mal-lista ta' bastimenti stabbilita fl-Anness XVI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, li fuqhom huma imposti projbizzjoni mill-portijiet u l-imgħalaq tal-Istati Membri kif ukoll projbizzjoni fuq il-forniment ta' firxa wiesgħa ta' servizzi relatati mat-trasport marittimu.

(7) Kif iddikjarat fil-premessa 16 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1470 ([2]), il-bilanċi tal-flus ta' jew ma' klijenti ta' depożitorji ċentrali tat-titoli normalment jiġu ttrasferiti barra minn dawk id-depożitorji ċentrali tat-titoli qabel tmiem il-jum u ma jrendu ebda remunerazzjoni għall-klijenti. Għalhekk, depożitorji ċentrali tat-titoli, kif imsemmija fl-Artikolu 1a(8) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, mhumiex responsabbli li jħallsu l-imgħax jew kwalunkwe forma oħra ta' kumpens lill-persuna, l-entità jew il-korp intitolati għall-assi u r-riżervi msemmija fl-Artikolu 1a(4) ta' dik id-Deċiżjoni, u li dawk id-depożitorji ċentrali tat-titoli jżommu jew jikkontrollaw jew li huma kontroparti għalihom, għajr kif miftiehem kuntrattwalment.

(8) Jenħtieġ li l-ġestjoni minn depożitorju ċentrali tat-titoli rilevanti tal-assi soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet imposta skont l-Artikolu 1a(4) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, kif ukoll il-ġestjoni tal-bilanċi tal-flus li jirriżultaw minn tali assi, ma jwasslux għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa ta' dak id-depożitorju, jew tad-diretturi jew l-impjegati tiegħu, sakemm ma jiġix ippruvat li l-azzjoni kienet riżultat ta' negliġenza.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1470 tal-21 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L, 2024/1470, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1470/oj).

(9) Reċentement, il-qrati Russi ħarġu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa li jipprojbixxu l-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' proċedimenti fi qrati jew tribunali barranin min-naħa ta' kumpaniji Ewropej kontra kumpaniji Russi (mandati ta' inibizzjoni kontra proċedimenti) u ħarġu, fost l-oħrajn, penali finanzjarji għoljin b'mod sproporzjonat f'każ ta' nuqqas ta' konformità. L-Unjoni tqis li l-mod li bih il-qrati Russi joħorġu tali mandati ta' inibizzjoni kontra proċedimenti u multi jikser b'mod ċar il-prinċipji internazzjonali stabbiliti u l-prattiki li ilhom jeżistu fis-soluzzjoni ta' tilwim kummerċjali internazzjonali. Sabiex jiġu evitati l-isforzi mingħand rikorrenti biex jiġu infurzati tali mandati ta' inibizzjoni kontra proċedimenti jew multi jew kwalunkwe deċiżjoni oħra ta' qorti bbażata fuq l-Artikolu jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti, huwa xieraq li tiġi introdotta projbizzjoni tar-rikonoxximent jew l-infurzar fl-Unjoni ta' mandati ta' inibizzjoni, ordnijiet, sentenzi jew deċiżjonijiet oħra tal-qorti skont l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti jew b'rabta magħhom

(10) Huwa ukoll xieraq li jsiru ċerti emendi tekniċi għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, inkluż li jiġu estiżi l-iskadenzi applikabbli għal ċerti derogi meħtieġa għal diżinvestimenti mir-Russja jew għas-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri ta' ċerti prodotti petroliferi. L-operaturi jenħtieġ li jkunu konxji mill-fatt li r-Russja hija pajjiż fejn l-istat tad-dritt ma għadux jiġi applikat, u li l-Federazzjoni Russa adottat diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni li jimmiraw l-assi ta' kumpaniji minn "pajjiżi mhux ħbieb", inkluż Sttati Membri. Dan jista' jwassal biex assi tal-Unjoni jisfaw irrekuperabbli fir-Russja mingħajr il-possibbiltà ta' irtirar ordinat. Minħabba r-riskji ta'amma ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, jenħtieġ li l-operaturi tal-Unjoni jikkunsidraw jillikwidaw l-attivitajiet kummerċjali fir-Russja u/jew li ma jibdewx attivitajiet kummerċjali ġodda hemmhekk. L-estensjoni eċċezzjonali tad-derogi ta' żvestiment hija meħtieġa biex l-operaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu joħorġu malajr kemm jista' jkun mis-suq Russu. Id-derogi estiżi jingħataw skont il-każ mill-Istati Membri u huma ffukati li jippermettu proċess ta' żvestiment ordinat, li kieku ma jkunx possibbli mingħajr l-estensjoni ta' dawn l-iskadenzi.

(11) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1a, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"12. Azzjonijiet minn depożitorju ċentrali tat-titoli mwettqa in bona fede skont il-paragrafi (4) sa (11) fuq il-bażi li tali azzjonijiet huma konformi ma' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jagħtu lok għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa ta' dak id-depożitorju, jew tad-diretturi jew l-impjegati tiegħu, sakemm ma jiġix ippruvat li l-azzjoni kienet riżultat ta' negliġenza.".

(2) l-Artikolu 1aa huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostiwit b'dan li ġej:

"(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2025, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili li jkun ġie konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;";

(b) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għad-diżinvestiment u l-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2025, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew tas-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.";

(3) L-Artikolu 4o huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Mill-5 ta' Frar 2023, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kroazja jistgħu jawtorizzaw sal-31 ta' Diċembru 2025 ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt tal-gass f'vakwu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 71 li joriġina fir-Russja jew li jiġi esportat mir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(b) fil-paragrafu 8, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga temporanja, il-projbizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom japplikaw mill-5 ta' Ġunju 2025 għall-importazzjoni u t-trasferiment fiċ-Ċekja, u għall-bejgħ lil xerrejja fiċ-Ċekja, ta' prodotti tal-petroleum miksuba minn żejt grezz li jkun ġie kkonsenjat permezz ta' pipeline fi Stat Membru ieħor kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (d). Jekk provvisti alternattivi għal tali prodotti tal-petroleum isiru disponibbli għaċ-Ċekja qabel dik id-data, il-Kunsill għandu jtemm dik id-deroga temporanja. Matul il-perjodu sal-5 ta' Ġunju 2025, il-volumi ta' tali prodotti tal-petroleum importati fiċ-Ċekja minn Stati Membri oħra ma għandhomx jaqbżu l-volumi medji importati fiċ-Ċekja minn dawk l-Istati Membri l-oħra matul l-istess perjodu matul il-ħames snin preċedenti.";

(4) L-Artikolu 4r huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikoli 3, 3a, 4, 4c, 4d, 4g, 4j u 4m, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi II, VII, X, XI, XVI, XVIII, XX u XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ukoll il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2025, fejn tali bejgħ, forniment, trasferiment, liċenzjar, għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(b) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 sal-31 ta' Diċembru 2025, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment minn impriża konġunta inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022, li tinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp Russu, u li topera infrastruttura ta' pipeline tal-gass bejn ir-Russja u pajjiżi terzi.";

(c) fil-paragrafu 2, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-Artikoli 4i u 4k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti elenkati fl-Annessi XVII u XXI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 sal-31 ta' Diċembru 2025, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(d) fil-paragrafu 2a, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2a. B'deroga mill-Artikolu 1k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Diċembru 2025 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(5) fl-Artikolu 4x(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkati fl-Anness XIII, li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja filwaqt li jużaw prattiki tat-tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;";

(6) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u skont il-każ, jistgħu jawtorizzaw, sal-31 ta' Diċembru 2025, l-issodisfar ta' pretensjoni magħmula minn waħda mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi indikati fil-paragrafu 1, il-punt (b), skont dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-issodisfar tal-pretensjoni jkun strettament meħtieġ għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.";

(7) jiddaħħal l-artikolu 7a li ġej:

"*Artikolu 7a*

1. Ebda mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-Qorti skont l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti ma għandha tiġi rikonoxxuta, tingħata effett jew tiġi infurzata fi Stat Membru.

2. L-ebda talba għal assistenza matul investigazzjoni jew proċedimenti kriminali oħra, u l-ebda piena jew sanzjoni oħra skont il-Kodiċi Kriminali Russu, bbażata fuq allegat ksur ta' mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-Qorti skont l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti ma għandha tiġi rikonoxxuta, mogħtija effett jew eżegwita fi Stat Membru.".

Artikolu 2

L-Annessi IV u XVI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
"676.	OSTEC-Enterprise LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Предприятие Остек' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Предприятие Остек' (Predpriyatie Ostek)	Indirizz(i): ul. Moldavskaya, d. 5, korp. 2, 121467, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-materials.ru Posta elettronika: materials@ostec-group.ru; cleaning@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731480806 (Tax ID/INN)	17.12.2024
677.	OSTEC-ARTTOOL LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-АртТул' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-АртТул'	Indirizz(i): Barklaya Street 6/3, zip code: 121087 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 7884444 Sit web: www.arttool.ru Posta elettronika: info@arttool.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481038 (Tax ID/INN)	17.12.2024
678.	OSTEC-EC LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-Эк' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-Эк'	Indirizz(i): ul. Moldavskaya d. 5, korp. 2, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-group.ru; www.ostec-group.com Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481077 (Tax ID/INN)	17.12.2024
679.	OSTEC-Electro LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-Электро' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-Электро' (ООО Ostek Electro)	Indirizz(i): ul. Moldavskaya, d. 5, korp. 2, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-electro.ru Posta elettronika: ostecelectro@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731483966 (Tax ID/INN)	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
680.	OSTEC-ETC LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-ЕТК' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-ЕТК'	Indirizz(i): Nab. Luzhnetskaya, d. 2/4, str. 16, et/pom. 3/303, 119270, Moscow, Russian Federation; ul. Moldavskaya d. 5, korp. 2, 121467 Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-etc.ru Posta elettronika: etc@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481052 (Tax ID/INN)	17.12.2024
681.	OSTEC-INTEGRA LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек Интегра' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек Материалс' (Ostek Materials); ООО 'Остек-Интегра'	Indirizz(i): Partizanskaya Steet 25, zip code: 121351, Moscow, Russian Federation Telefown:+74957884444 Sit web: www.ostec-materials.ru Posta elettronika: materials@ostec-group.ru; cleaning@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731416984 (Tax ID/INN)	17.12.2024
682.	OSTEC-SMT LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-СМТ' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-СМТ'	Indirizz(i): ul. Kulakova d. 20, str. 1G, 123592 Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884441; + 74957884441 (estensjoni 5833) Sit web: www.ostec-smart.ru Posta elettronika: smt@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481045 (Tax ID/INN)	17.12.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3187/oj

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
683.	OSTEC-ST LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-Сервис-Технология' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-СТ'	Indirizz(i): ul. Moldavskaya, d. 5, korp. 2, 121467, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-st.ru Posta elettronika: ost@ostec-group.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731630120 (Tax ID/INN)	17.12.2024
684.	OSTEC-TEST LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'Остек-ТЕСТ' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-ТЕСТ'	Indirizz(i): ul. Moldavskaya, d. 5, korp. 2, 121467, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Sit web: www.ostec-test.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481020 (Tax ID/INN)	17.12.2024
685.	OSTEC-UMT LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'ОСТЕК-УМНЫЕ ТЕХНОЛОГИИ' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'Остек-УМТ'	Indirizz(i): ul. Kulakova d. 20, str. 1G, 123592, Moscow, Russian Federation Telefown: + 74957884444 Numru tar-reġistrazzjoni: 7734462210 (Tax ID/INN)	17.12.2024
686.	RIIT LTD Isem Lokali: Общество с ограниченной ответственностью 'НИИИТ' Magħrufa wkoll bħala: ООО 'NIIIT'	Indirizz(i): ul. Kulakova d. 20, str. 1G, pom. XIV et 3, kom 10, 11, 52-57, 123592, Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 7731481013 (Tax ID/INN)	17.12.2024
687.	LLC Atlas Isem Lokali: Общество с Ограниченной Ответственностью 'Атлас' (ООО 'Атлас') Magħrufa wkoll bħala: OOO Atlas	Indirizz(i): 100-Letiya Prospekt, 155, Building 3 Office 5, 690068, Vladivostok, Primorsky Krai, Russian Federation Telefown: + 7 (423) 242-85-03; + 7 (423) 261-46-41 Numru tar-reġistrazzjoni: 2543069263 (TIN)	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
688.	Mistral Isem Lokali: Общество с Ограниченной Ответственностью 'Мистраль' (ООО 'Мистраль') Magħrufa wkoll bħala: OOO Mistral; Mistral LLC	Indirizz(i): 129626, Moscow, Alekseevsky Municipal District; 1st Mytihchinskaya Str., 3, Building 1, Room 8, Russian Federation; 113054, Moscow, Bolshoy Strochenovsky Pereulok, 13, Building 1? Russian Federation Telefown: + 7 (929) 668-34-74 Numru tar-reġistrazzjoni: 7717793684 (INN)	17.12.2024
689.	KOMINVEX D.O.O. BEOGRAD Magħrufa wkoll bħala: PREDUZEĆE ZA TRGOVINU I INŽENJERING POSLOVE KOMINVEX DOO BEOGRAD RAKOVICA; Kominvex DOO Beograd; Kominvex doo Beograd	Indirizz(i): Nikole Marakovica 21/VI/36, Belgrade 11090, Serbia Telefown: 38163308192 / 381116564086 Sit web: https://kominvex.co.rs Numru tar-reġistrazzjoni: 20047038	17.12.2024
690.	SOHA INFO D.O.O. Magħrufa wkoll bħala: SOHA INFO D.O.O. NOVI BANOVCI	Indirizz(i): Pionirska 3, Novi Banovci 22304, Serbia Telefown: 38163300346 Sit web: www.sohainfo.rs Numru tar-reġistrazzjoni: 21802808	17.12.2024
691.	Fidar System Pooyan Isem lokali: فیدار سیستم پیوان Magħrufa wkoll bħala: Fidar System Pouyan	Indirizz(i): Unit 6, No.7, Mahbod Alley, Laleh St., Jomhuri St., Tehran, Iran; No 12, 21th Alley, Ahmad Ghasir St., Argentina Sq, Tehran, Iran; 9 Lale Alley, First Floor, Unit 2, Hatef Alley, Crossroad Hafez Neighborhood, Central Sector, Tehran City, Tehran Province, Iran. Telefown: + 9802166767984 Sit web: http://www.cintix.ir/	17.12.2024
692.	Time Art International LTD Isem Lokali: **時亞國際有限公司**	Indirizz(i): Workshop 7(a), 12/f, Wah Lai Industrial Centre, Nos. 10-14 Kweitei Street, Shatin, Hong Kong, China Numru tar-reġistrazzjoni: 1411127 (Hong Kong Company Number)	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
693.	Ele Technology Co. LTD Isem Lokali: 深圳市易络电子有限公司	Indirizz(i): 3714 Duhuixuan Buildings, 3018 Shennan Road, Futian Area, Shenzhen, China Telefown: + 86-755-82913231 Sit web: http://www.ele-tech.com.cn Numru tar-reġistrazzjoni: 9144030007753946 96 (China Unified Social Credit Code)	17.12.2024
694.	Shenzhen Xingding Machinery Ltd	Numru tar-reġistrazzjoni: 440300280527908 (China Company Registration Number)	17.12.2024
695.	Ningbo Blin Machinery Co., Ltd. Isem Lokali: 宁波贝宁机床有限公司	Indirizz(i): No.1& 3, Sanxing Industrial Park, Luotuo, Zhenhai District, Ningbo, China Telefown: 0086-18858060617 Sit web: http://blincnc.com/ Numru tar-reġistrazzjoni: 91330203591551508B (USCC)	17.12.2024
696.	Baltiyskaya Promishlennaya Kompaniya (JSC Baltic Industrial Company) Isem Lokali: AO 'Балтийская Промышленная Компания' Magħruf ukoll bħala: AO BALTIISKAYA PROMYSHLENNAYA KOMPANIYA	Indirizz(i): 192288, St. Petersburg, Malaya Bukharestskaya str., 5, building 2/39, Russian Federation; 195276, St. Petersburg, Prospekt Kultury, 49A, Russian Federation; 192177, St. Petersburg, 3rd Rybatskiy ave., 3, Russian Federation. Telefown: + 7 (812) 605-00-33 Sit web: https://bpk-spb.ru Posta elettronika: info@bpk-spb.ru u service@bpk-spb.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7801200558 (numru tal-ID tat-taxxa)	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
697.	Alfa Machinery Group (LLC Company AMG) Isem Lokali: ООО "Компания 'АМГ' Magħrufa wkoll bħala: Kompaniya AMG	Indirizz(i): 111141, Moscow, Kuskovskaya str., 20A, room 1. XIIA room 114, Russian Federation; 111141, Moscow, Kuskovskaya str., 20A, building A, office A-602, Russian Federation; 355035, Stavropol, Mira Str., 267, office 204, Russian Federation; 142280, Protvino, Pobedy Str., 2, Russian Federation; 450056, Ufa, Mokrousovskaya Str., 8, building 3, Russian Federation. Telefown: + 7 (499) 550-02-52; +7 985 997-93-32 Sit web: https://companyamg.ru/ u https://amgcnc.ru/ Posta elettronika: info@coamg.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7720821959 (numru tal-ID tat-taxxa); 1147746889531 (OGRN)	17.12.2024
698.	LLC Rustakt Isem Lokali: ООО 'Рустакт'	Indirizz(i): 123290, Moscow, in.ter.g. Presnensky municipal district, Shmitovsky passage, 39, building 2, premises. 5K, Russian Federation (fl-oriġinal: 123290, Г.МОСКВА, ВН.ТЕР.Г. МУНИЦИПАЛЬНЫЙ ОКРУГ ПРЕСНЕНСКИЙ, ПРОЕЗД ШМИТОВСКИЙ, Д. 39, К. 2, ПОМЕЩ. 5К) Posta elettronika: zaharova_marisha@mail.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9703074147 (Tax ID/INN)	17.12.2024
699.	LLC SPDBBK Isem Lokali: ООО 'СПДББК'	Indirizz(i): 195009, St. Petersburg, in. ter. g. municipal district finland district, komsomola street, 1-3, letter l, room. 5n, room. 6, Russian Federation (lokali: 195009, Г. САНКТ-ПЕТЕРБУРГ, ВН.ТЕР.Г. МУНИЦИПАЛЬНЫЙ ОКРУГ ФИНЛЯНДСКИЙ ОКРУГ, УЛ КОМСОМОЛА, Д. 1-3, ЛИТЕРА Л, ПОМЕЩ. 5Н, КОМ. 6) Numru tar-reġistrazzjoni: 7838044584	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
700.	LLC Vneshekostil Isem Lokali: ООО 'Внешэкостиль'	Indirizz(i): 115211 Moscow, Kashirskoye shosse, 55, building 5, pom. I, fl.1, room. 19, Russian Federation Telefown: + 7 (966) 199-83-07 Sit web: https://vnes.tech/ Posta elettronika: info@vnes.tech Numru tar-reġistrazzjoni: 7724362880 (numru tal-ID tat-taxxa)	17.12.2024
701.	Iskra Technologies JSC Isem Lokali: Искра Технологии Magħrufa wkoll bħala: IskraUralTel JSC, RTSoft JSC	Indirizz(i): Komvuzovskaya 9, Building A, 620066, Ekaterinburg, Russian Federation Telefown: + 7 (343) 210-69-51 Sit web: https://iskratchno.ru Posta elettronika: info@iskratechno.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1026604933475 (OGRN), 6660017837 (TIN)	17.12.2024
702.	Powerever Electronic Technology Magħrufa wkoll bħala: Beijing Powerever Electronic Technology Co., Beijing Weiwangda Electric Technology Co. LTD / **北京威旺达**电子科技有限责任公**司**	Indirizz(i): No. 23, Jinmao Mansion, Guangqu Road, Chaoyang District, Beijing, China 209, Zhuyuan Road, High-tech Zone, Suzhou City, Jiangsu Province Telefown: 18612628057; 18612628057 Sit web: http://www.powerever.cn/	17.12.2024
703.	Qisda Optronics (Suzhou) / 苏州佳世达 Magħrufa wkoll bħala: Suzhou Jiashida Optoelectronics Co Ltd, Suzhou BenQ Optoelectronics Technology Co Ltd.	Indirizz(i)::169 Zhujiang Road, Suzhou New District, Suzhou City, Jiangsu Province, 215129, China Sit web: http://www.qisda.com.cn/	17.12.2024

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
704.	Juhang Aviation Technology Shenzen Co., LTD	Indirizz(i): 2205, No. 2, Logistics Center, Baoshui Logistics Center, Baoan Guoji Jichang Hangzhan, 4th Road, Hourui Community, Hangcheng Sub-District, Bao, Shenzhen, Guangdong, China, 518099 Room 101-A Xinghua Building, 1007 Banxuegang Avenue, Maantang Community, Bantian Subdistrict, Longgang District, Shenzhen, Guangdong, China Sit web: http://www.szjuhang.com/ Numru tar-reġistrazzjoni: 91440300MA5GN73B4F (China, Unified Social Credit Code)	17.12.2024
705.	Triac Electronics Pvt. Ltd.	Indirizz(i): Dpt-348, DLF Prime Tower Okhla Phase-1,New Delhi-110020, India Unit No: SG1, 7 & 8, J Matadee Free Trade Zone, Mannur-Valarpuram Village Kancheepuram, Tamil Nadu-602105, India Sit web: https://www.triacelectronics.com/	17.12.2024
706.	Laserchips FZCO (ليزر تشيبس ش م ح)	Indirizz(i): Dubai Silicon Oasis, DSO-IFZA-21645, IFZA Properties, Dubai, United Arab Emirates Sit web: https://laserchips.ae/ Numru tar-reġistrazzjoni: 11996849 (l-Emirati Għarab Magħquda, Numru ta' Reġistrazzjoni Ekonomiku Nazzjonali (CBLS)); 22209 (l-Emirati Għarab Magħquda, Dubai, Numru tal-Liċenzja)	17.12.2024
707.	Component Logistic LLC Magħrufa ukoll bħala: Komponent Lodzhistik OOO, ООО КОМПОНЕНТ ЛОДЖИСТИК	Indirizz(i): St. Petersburg, inner city, Dachnoye municipal district, Veteranov Avenue, 63, building A, apt. 46 Sit web: http://www.componentlogistik.ru/ Numru tar-reġistrazzjoni: 1217800045462 (ir-Russja, Numru ta' Reġistrazzjoni (OGRN))	17.12.2024"

(2) L-Anness XVI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XVI

Lista ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 4x

	Isem il-bastiment	Numru tal-IMO	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tal-applikazzjoni
1.	M/V Angara	9179842	L-Artikolu 4x(2), il-punt (a): jittrasportaw prodotti u teknoloġija użati fis-settur tad-difiża u s-sigurtà, minn jew lejn ir-Russja, għall-użu fir-Russja jew għall-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna	25.6.2024
2.	M/V Maria	8517839	L-Artikolu 4x(2), il-punt (a): jittrasportaw prodotti u teknoloġija użati fis-settur tad-difiża u s-sigurtà, minn jew lejn ir-Russja, għall-użu fir-Russja jew għall-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna	25.6.2024
3.	Saam FSU	9915090	L-Artikolu 4x(2), il-punt (c): jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija.	25.6.2024
4.	Koryak FSU	9915105	L-Artikolu 4x(2), il-punt (c): jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija.	25.6.2024
5.	KAVYA (qabel Hana)	9353113	L-Artikolu 4x(2), il-punt (b): jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII, li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, filwaqt li jipprattikaw prattiki tat-tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali	25.6.2024

	Isem il-bastiment	Numru tal-IMO	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tal-applikazzjoni
6.	N Cerna (qabel Canis Power)	9289520	L-Artikolu 4x(2), il-punt (b): jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII, li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, filwaqt li jipprattikaw prattiki tat-tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali	25.6.2024
7.	Feng Shou (qabel Andromeda Star)	9402471	L-Artikolu 4x(2), il-punt (b): jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII, li joriġinaw mir-Russja jew esportati mir-Russja, filwaqt li jipprattikaw prattiki tat-tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali	25.6.2024
8.	Legacy (qabel NS Lotus)	9339337	L-Artikolu 4x(2), il-punt (c): jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija.	25.6.2024
9.	Saga (qabel NS Spirit)	9318553	L-Artikolu 4x(2), il-punt (c): jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija.	25.6.2024
10.	Serenade (NS Stream)	9318541	L-Artikolu 4x(2), il-punt (c): jiġu operati b'tali mod li jikkontribwixxu għal azzjonijiet jew politiki għall-esplojtazzjoni, l-iżvilupp jew l-espansjoni tas-settur tal-enerġija fir-Russja jew jappoġġawhom, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija.	25.6.2024
